



Kapitlu 1

# Merħba ċ-Ċina

"Attent, Diddy, tantx tixxabbat mit-tieqa!" għajtet Louise, dejjem inkwetata dwar iċ-ċkejken dachshund tagħha.

"Intom ukoll, tfal, żommu sod għax it-triq għar-riżerva wieqfa ħafna," qabeż Tao, b'idejh fuq l-istering tal-4x4 tiegħu.

Omm Rose, li hija vet, ħadet lil bintha u ħbiebha ċ-Ċina, fejn kuġinuha Tao jgħix f'riżerva naturali tal-pandas. Adele, Louise u Rose kienu qed jiskopru l-pajsaġġi tal-għaġeb taċ-Ċina ċentrali. Minn fuq il-qċaċet tal-muntanji miksija silġ, stajt tara dawl bajdani mill-isbaħ.

Huwa u jsuq, Tao kien qed jispjega lill-bniet li l-panda huwa wieħed mill-aktar annimali rari fid-dinja.

"Qiegħda ssir dejjem aktar diffiċli li jsibu l-ikel, għax il-bnedmin qerdu l-foresti tal-bambù biex jieħdu l-injam tas-siġar u jkollhom raba' kbir."

"Qrajt ukoll li l-pandas qed isibuha diffiċli jkollhom it-tfal," kompliet Rose. "U ħafna drabi, matul ħajjithom, il-pandas nisa jkollhom biss żewġ trabi li jsiru adulti!"

"Hekk hu! Donnok ippreparajt ruħek sew qabel ma ġejtu!" weġibha Tao, b'ammirazzjoni.

"Rose l-enċiklopedija tal-Klabb tal-Ħbieb tal-Annimali!" qabżet Adele.

"Għandkom klabb?" staqsiehom Tao, b'kurżità kbira.

"Iva," wieġbet Rose. "Bdejnieh għax iffissati fl-annimali! Kollha għandna xi pet. Adele għandha wkoll pet kbir: poni! U dejjem nippruvaw insalvaw l-annimali fil-periklu."





Louise baqgħet siekta u ma kinitx qed tieħu sehem fid-diskursata. Mhux soltu tagħha.

"X'għandek, Louise?" staqsietha omm Rose. "X'int kwieta!"

"Le, xejn, kollox sew, Sinjura," wieġbet Louise. "Imma qed inħoss ħafna sħana."

"Iġbor xagħrek mela! Ismagħha s-Sinjorina, kif saritilna! Ejja, mhux qed jarak Hugo!" iċċajtat magħha Adele.

"Mhix tad-daħq," qabżet Rose. Hi wkoll, bħal Louise, kienet tiffansjah daqsxejn lil Hugo.

Hugo qiegħed Grade 6, u għajnejh ċelesti kbar iġennuhom lill-bniet kollha tal-iskola. Kollha, ħlief lil Adele, li kull meta jiġiha ċ-ċans kienet toqgħod tinbex liż-żewġt iħbieb tagħha dwar Hugo.